



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10851/21
ADD 4

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0208(NLE)

JUSTCIV 118
IA 141

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 193 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 193 final.

Mehmuż: SWD(2021) 193 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2021
SWD(2021) 193 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonossiment u l-
Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali**

{COM(2021) 388 final} - {SEC(2021) 279 final} - {SWD(2021) 192 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar I-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali ("il-Konvenzjoni dwar is-Sentenzi")
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
Bħalissa, iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE li jixtiequ li sentenza mogħtija fl-UE tiġi rikonossuta u eżegwita f'pajjiż terz qed iħabbtu wiċċhom ma' xenarju legali mifruq minħabba n-nuqqas ta' qafas internazzjonali komprensiv għar-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin f'materji ċivili u kummerċjali. Dan ifisser li l-kredituri tas-sentenza jridu jinnavigaw f'taħlita ta' liġijiet nazzjonali ta' pajjiżi terzi dwar l-aċċettazzjoni ta' sentenzi barranin, kif ukoll fit-trattati bilaterali, reġjonali u multilaterali fis-seħħ. Għalhekk, biex ikollhom l-opportunità li s-sentenza tagħhom tiġi eżegwita, daww involuti f'litigazzjoni internazzjonali jridu jinvestu riżorsi, ħin u ħafna drabi esperti esterni biex iħejju strateġija robusta ta' litigazzjoni. Din il-komplessità, kif ukoll l-ispejjeż assoċjati u l-inċertezza tad-dritt , huma fatturi skoraġġanti li jistgħu jwasslu biex in-negozji u iċ-ċittadini jew jevitaw il-litigazzjoni bil-qorti u jfittxu forom oħra ta' soluzzjoni għat-tilwim, jirrinunzjaw għall-pretensjonijiet tagħhom, jew jiddeċiedu li ma jinvolvu ruħhom xejn f'negozjati internazzjonali. Dan, min-naħa tiegħu, jista' jkollu impatt negattiv fuq ir-rieda tan-negozji u iċ-ċittadini tal-UE li jinvolvu ruħhom f' attivitajiet internazzjonali kummerċjali u ta' investiment . Barra minn hekk, minħabba li l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-UE f'pajjiżi li terzi huwa inċert, id-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja tan-negozji u iċ-ċittadini tal-UE huwa mxekkel .
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
L-oġettivi ġenerali huma li jissaħħa l- aċċess għall-ġustizzja għan-negozji u iċ-ċittadini tal-UE permezz ta' sistema li tiffaċilita r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin mad-dinja kollha fejn id-debitur kanonizzat jinzerta jkollu l-beni, u b'hekk jigħu promossi l-kummerċ u l-investiment internazzjonali . B'mod aktar speċifiku, l-inizjattiva għandha l-għan li żżid iċ-ċertezza tad-dritt u l-prevedibbiltà tal-litigazzjoni internazzjonali, tnaqqas l-ispejjeż u t-tul tal-proċedimenti u tippermetti r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' pajjiżi terzi fl-UE biss meta l- prinċipji fundamentali tad-dritt tal-UE jkunu rrispettati u l-acquis intern tal-UE dwar l-istess suġġett ma jiġix affettwat .
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
L-inizjattiva taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE. Dan ifisser li l-adeżjoni għal din il-Konvenzjoni minn Stati Membri individwali mhijiex possibbli u l-oġettivi mixtieqa jistgħu jinkisbu biss permezz ta' azzjoni meħuda fil-livell tal-UE.

B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Minħabba l-appoġġ u l-involvement kostanti tal-UE fin-negozjati li wasslu għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni fl-2019, kif ukoll il-preservazzjoni tal-interessi ewlenin tal-UE fil-proċess, l-alternattiva li ma taderixxix mal-Konvenzjoni tqieset prinċipalment bħala punt ta' riferiment sabiex jiġu vvalutati d-diversi alternattivi ta' politika li jikkunsidraw l-adeżjoni.
Dawn l-alternattivi taw ħarsa lejn l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni dwar is-Sentenzi jew mingħajr ebda dikjarazzjoni, jew waqt li tiddaħħal dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni li teskludi l-applikazzjoni tagħha għal ċerti materji (materji tal-konsumatur, tal-impjeg jew tal-assigurazzjoni, kif ukoll kirjiet kummerċjali ta' proprjetà immobbli), jew sentenzi f'materji ċivili jew kummerċjali li jinvolvu Stati jew entitajiet Statali, skont l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni. Ġiet ikkunsidrata alternattiva oħra fil-forma ta' adeżjoni li tagħmel iż-żewġ dikjarazzjonijiet skont l-Artikoli 18 u 19.

L-alternattiva ppreferuta hija l-adeżjoni mal-Konvenzjoni b'dikjarazzjoni limitata u mmirata li teskludi r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni mill-qrati tal-UE tas-sentenzi li jkunu ddeċidew dwar kirjiet kummerċjali (lokazzjonijiet) ta' proprjetà immobbli li tinsab fl-UE. Dikjarazzjoni li teskludi l-kwistjonijiet ikkunsidrati l-oħrajn mhix meqjusa bħala meħtieġa minħabba li l-Konvenzjoni tipprovdi protezzjoni adegwata għal partijiet idgħef, għalkemm b'mod differenti mill-mod tal-acquis tal-UE, u, għall-kuntrarju tal-alternattiva ppreferuta, dikjarazzjonijiet usa' jistgħu jimpedixxu l-kisba sħiħa tal-oġettivi ta' din l-inizjattiva. Filwaqt li **l-alternattiva ppreferuta ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u mistennija tippromwovi l-kummerċ u l-investiment internazzjonali**, hija se **żżid ukoll iċ-ċertezza tad-dritt u l-prevedibbiltà fil-litigazzjoni tal-qorti internazzjonali, tnaqqas l-ispejjeż u t-tul tal-proċedimenti u hija kompletament konformi mal-acquis tal-UE dwar din il-materja**, jiġifieri r-Regolament Brussell Ia (ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012). Skont dan ir-Regolament, il-qrati fl-UE għandhom ġurisdizzjoni esklużiva biex jiddeċiedu dwar tilwim relatat ma' kirjiet kummerċjali ta' proprjetà immobbli li tkun tinsab fl-UE.

Liema għażla u min jappoġġaha?

L-adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar is-Sentenzi kienet appoġġata mill-Istati Membri kif ukoll mill-maġġoranza kbira tal-partijiet ikkonċernati (l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja, in-negozji, l-organizzazzjonijiet professjonali tal-avukati u tal-uffiċjali ġudizzjarji, l-akkademiċi, eċċ.). Dwar il-possibbiltà li jsiru dikjarazzjonijiet, l-Istati Membri opponew dikjarazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni u ma esprimewx fehmiet ċari dwar id-dikjarazzjonijiet tal-Artikolu 18. Għadd żgħir biss ta' partijiet ikkonċernati ffavorew l-adeżjoni b'dikjarazzjoni skont l-Artikolu 19 filwaqt li ma nstabet l-ebda tendenza ċara għad-dikjarazzjonijiet tal-Artikolu 18.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-benefiċċji diretti għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE meta jippruvaw jiksbu rikonnoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenza tal-UE fis-sħab kummerċjali ewlenin analizzati (l-Arġentina, l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel, il-Ġappun, l-Istati Uniti) huma stmati li jkunu **bejn EUR 1.1 u EUR 2.6 miljun** matul il-perjodu referenzjarju (2022-2026). Dan għandu x'jaqsam ma' **tnaqqis previst ta' 10%-20% tal-ispejjeż** relatati mar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi tal-UE f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, **it-tul medju tal-proċedimenti** mistenni **jonqos b'medja ta' bejn tliet xhur u sitt xhur**.

Din l-alternattiva se jkollha impatt pożittiv fuq il-biċċa l-kbira tal-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tal-Istati Membri, u **se ttejjeb il-livell attwali ta' aċċettazzjoni tas-sentenzi ta' pajjiżi terzi fi 22 Stat Membru**. Għall-erba' Stati Membri l-oħra, is-sitwazzjoni wara l-adeżjoni mhux se tkun agħar mil-lum, iżda jkun hemm ftit jew xejn titjib meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali. Barra minn hekk, din l-alternattiva hija **kompletament konformi mal-acquis tal-UE** (ir-Regolament Brussell Ia) u, b'riżultat ta' hekk, għandha l-oġġla livell ta' koerenza f'dan il-livell.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri mistennija jkollhom **xi spejjeż ta' darba** relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni iżda dawn l-ispejjeż mistennija li jkunu negliġibbli. Il-ġudikatura probabbilment tesperjenza **żieda żgħira fl-għadd ta' kawżi** fil-perjodu referenzjarju, iżda din iż-żieda se tiġi **kkompensata mit-tnaqqis mistenni fit-tul tal-proċedimenti**. Ma hemm **l-ebda spiża prevista għan-negozji jew għaċ-ċittadini**.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

In-negozji tal-UE se jibbenefikaw miż-żieda fiċ-ċertezza tad-dritt u l-prevedibbiltà f'negozjati internazzjonali. Dawn il-benefiċċji mistennija jkunu **aktar prominenti għall-SMEs** milli għan-negozji l-kbar minħabba li dawn tal-aħħar għandhom it-tendenza li jippreferu l-arbitraġġ aktar milli l-litigazzjoni bil-qorti meta jippruvaw isolvu tilwima legali internazzjonali. In-negozji tal-UE se jibbenefikaw minn **aċċess agħar għall-ġustizzja** sal-punt li jinvolvu ruħhom f'litigazzjoni bil-qorti, minħabba l-probabbiltà ogħla ta' rikonnoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi Ewropej f'pajjiżi terzi, iżda wkoll minn **spejjeż aktar baxxi (bejn 10% u 20%) u minn tul tal-proċedimenti iqsar (bejn 3 xhur u 6 xhur)**. Minħabba l-effett reċiproku tad-dikjarazzjoni proposta li trid issir mill-UE, dawn il-benefiċċji mhux se jestendu għan-negozji tal-UE li qed jitolbu rikonnoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenza Ewropea li ddeċidiet dwar kiri kummerċjali ta' proprjetà immobbli li tinsab fl-Istat fejn qed tintalab din l-eżekuzzjoni. Madankollu, l-għadd baxx stmat ta' sentenzi ta' dan it-tip ifisser li dawn is-sitwazzjonijiet mhux se jaffettwaw l-impatti pożittivi kumplessivi fuq in-negozji.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Mhux mistenni li l-inizjattiva jkollha impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Mistenni li r-riżorsi attwali jkunu suffiċjenti biex jittrattaw l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Sal-2026 il-kummerċ f'oġġetti u servizzi kif ukoll l-investiment dirett barrani mal-pajjiżi terzi magħżulin mistenni jiżdied b'ċifri ta' bejn 0.3% u 1.6%. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tista' tiffaċilita r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fejn attwalment huwa eċċessivament diffiċli li s-sentenzi tal-UE jiġu eżegwiti għall-benefiċċju tal-kredituri tal-UE, bl-effett indirett tal-promozzjoni ulterjuri tan-negozju ma' dawn il-pajjiżi.

Dawn l-impatti indiretti jistgħu fl-aħħar mill-aħħar jissarrfu fi tkabbir ekonomiku aħjar u fil-ħolqien tal-impjiegi.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Tlieta sa ħames snin wara l-adeżjoni tal-UE.